REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 651/2007

tat-8 ta' Ġunju 2007

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċertu merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni tad-Dwana [1], u b'mod partikolari Artiklu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jkunu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-merkanzija li tissemma fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 iddefinixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli jgħoddu wkoll għal kull nomenklatura oħra li hija kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha, jew li żżid magħha xi subdiviżjoni oħra u li hija mwaqqfa fuq proviżjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bi ħsieb ta' l-applikazzjoni tat-tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ fil-merkanzija.

(3) Konformi ma' dawk ir-regoli ġenerali, il-merkanzija deskritta fil-kolonna Nru 1 ta' l-iskeda mniżżla fl-Anness għandha tkun klassifikata fil-kodiċi NM indikata fil-kolonna Nru 2, minħabba fir-raġunijiet imniżżla fil-kolonna Nru 3 ta' dik l-iskeda.

(4) Huwa xieraq li ssir kundizzjoni li, bla ħsara għall-miżuri li jeżistu fil-Komunità dwar sistemi doppji ta' kontroll u dwar sorveljanza tal-Komunità qabel u wara ma ssir importazzjoni ta' prodotti tessili fil-Komunità, informazzjoni fuq tariffa li torbot maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda u li ma taqbilx ma' dan ir-Regolament, tista' tkun invokata minn min iżomm l-informazzjoni fuq tariffa li torbot għal perijodu ta' 60 jum, taħt Artiklu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi tad-Dwana tal-Komunità [2].

(5) Il-miżuri previsti f'dan il-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-merkanzija deskritta fil-kolonna nru 1 ta' l-iskeda mniżżla fl-Anness tkun klassifikata fin-Nomenklatura Magħquda fil-kodiċi NM fil-kolonna Nru 2 ta' dik l-iskeda.

Artikolu 2

Bla ħsara għall-miżuri fil-Komunità dwar sistemi doppji ta' kontroll u dwar sorveljanza tal-Komunità qabel u wara ma ssir importazzjoni ta' prodotti tessili fil-Komunità, informazzjoni fuq tariffa li torbot maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri li ma taqbilx ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tkun invokata għal perijodu ta' 60 jum, taħt Artiklu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kummissjoni
László KOVÁCS
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 580/2007 (ĠU L 138, 30.5.2007, p. 1).

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni Il-kodiċi tan-NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Ilbies ħafif għan-nisa maħsub biex jgħatti l-ġisem sal-farġ (fejn jibdew ir-riġlejn) minsuġ minn drapp innittjat ikkulurit minnu nnifsu ta' fibri magħmulin mill-bniedem (80 % poliamidi u 20 % *elastane*), id-drapp m'għandux ħajt tal-lasktu. L-ilbies huwa mgħammar bi strixxi tal-lasktu ivvulkanizzat wiesgħa 8 mm (titlu 4008), li huma miżjudin billi jinħietu fil-għonq, fil-feħiet għad-dirgħajn u għas-saqajn. L-ilbies għandhu *cups* fl-istil ta' riċipetto bil-fildiferru mad-dawra ta' taħt, b'fursetta infurrata, b'ċineġ li jistgħu jiġu aġġustati u b'feħiet maqtugħin fil-għoli għas-saqajn. (malja ta' l-għawm) (Ara r-ritratt Nru 641) (*)	6112 41 90	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata permezz tad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċi NM 6112, 6112 41 u 6112 41 90. Peress li l-lasktu huwa miżjud mal-ilbies iżda mhux parti mill-ilbies, dan ma jistax ikun ikklassifikata f'subtitlu 6112 41 10 (malji tan-nisa jew tal-bniet magħmula minn fibri sintetiċi li fihom 5 % jew aktar ħajt tal-lasktu). Meta tikkunsidra l-bixra ġenerali, il-qatgħa u n-natura tad-drapp, l-ilbies huwa konformi mal-kriterju ta' klassifikazzjoni ta' ilbies ta' malji ta' l-għawm tan-nisa jew tal-bniet magħmul minn fibri sintetiċi (kodiċi tan-NM 6112 41 90 – oħrajn)
2. Oġġett tessili kkuttunat magħmul minn żewġ saffi ta' materjal tessili minsuġ (100 % qoton) mgħaqqad flimkien bl-ikkuttunar permezz tal-ħjata. L-oġġett maħdum huwa mgħaqqad permezz tal-ħjata u juri l-karatteristiċi li ġejjin: L-oġġett huwa twil madwar 90 ċm u għandu l-għonq issikkat. Għandu feħa quddiem b'żipp ta' tul ta' madwar 68 ċm. Għandu l-lastiku biex jissikka mal-qadd. Il-biċċa ta' fuq ta' l-oġġett għandu l-ftuħ għad-dirgħajn u l-ġnub u l-parti t'isfel huma magħluqa kompletament. Il-qatgħa tal-parti ta' fuq tagħti lill-ilbies il-forma tal-ġisem. (*Romper* bag għat-tfal) (Ara r-ritratt Nru 640) (*)	6211 42 90	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 7 għal Sezzjoni XI, Nota 8 għal Kapitlu 62 u l-kliem tal-kodiċi tan-NM 6211, 6211 42 u 6211 42 90. Skond in-Nota 4a) f'Kapitlu 62 dan l-oġġett ma jistax jitqies bħala lbies għat-"trabi" peress li ġie ddisinjat għat-tfal żgħar ta' tul ta' aktar minn 86 ċm, għalhekk klassifikazzjoni f'dan it-titlu hija esklużа. Meta jitqiesu n-Noti ta' Spjega tan-NM għal titlu 6111, li jqisu bħala lbies ir-"*romper-bags*" tat-trabi bil-ftuħ għad-dirgħajn jew bil-kmiem, l-oġġett in kwistjoni li hu ddisinjat bl-istess mod bħal dawk għat-trabi (il-parti ta' fuq hija maqtugħa bħal ilbies), ikbar biss fid-daqs, għandu wkoll jitqies bħala lbies. Minħabba l-qatgħa tal-parti ta' fuq, l-oġġett huwa meqjus bħala lbies ta' Sezzjoni XI u mhux oġġett ta' friex jew tagħmir simili. Għal-hekk, il-klassifika f'titlu 9404 hija esklużа. Peress li fil-kapitli li jkopru l-ilbies ma hemm ebda titlu speċifiku għal dan it-tip ta' oġġett, għandu jkun ikklassifikat bħala "ilbies ieħor".

(1)	(2)	(3)
3. Oġġett tat-tagħmir magħmul minn materjali tessili biex jintuża fil-karozzi. Maħsub biex jitqiegħed fuq is-sedili tal-vetturi bil-mutur u jikkonsisti minn materjal magħmul minn ħafna saffi, is-saffi ta' barra ta' materjal minsuġ (qoton) u s-saff tan-nofs ta' materjal mhux minsuġ, li jservi bħala kkuttunar. (kopertura tas-sit) (Ara r-ritratt Nru 642) (*)	6304 92 00	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċi tan-NM 6304 u 6304 92 00. Ara n-Noti ta' Spjega SA għall-titlu 6304, li jistabbilixxu li dan it-titlu jinkludi oġġetti ta' tagħmir magħmul minn materjali tessili biex jintuża fil-karozzi. Dan l-oġġett mhuwiex parti mis-sedil ta' karozza, iżda aċċessorju għal miegħu, u għalhekk, ma jistax ikun ikklassifikat taħt titlu 9401. Ara wkoll n-Noti ta' Spjega SA għall-titlu 9401, bċejjeċ. Peress li dan l-oġġett huwa ddisinjat biex jintuża fil-karozzi, ma jistax jiġi kkunsidrat bħala *oġġett ta' friex tas-sodda jew tagħmir simili*. Għalhekk klassifikazzjoni f'titlu 9404 hija eskluża.

(*) Ir-ritratti huma biss għall-informazzjoni.





